# MIB tvara skema għal jottijiet fil-marinas

Jottijiet li huma bbażati f'marinas approvati f'Malta u Għawdex issa jistgħu jgawdu minn skema ġdida li għada kif ġiet varata minn Mediterranean Insurance Brokers (MIB).

Din l-iskema ġiet iddiżenjata biex tkopri kull tip ta' jott li jista' jinżamm f'marina, skond l-uzu u d-drawwiet ta' sidu. Tista' tippermetti li sid il-jott iżommu f'marina s-sena kolla jew barra mill-baħar, saħansitra f'żoni pubbliċi u mhux biss ġo tarzni tradizzjonali.

Għal min hu dilettant tat-tbaħħir, il-polza toffri kopertura b'xejn għal riskji tal-ibburdjar f'avvenimenti ta' klabbs lokali, kif ukoll numru b'xejn ta' kirjiet tal-jott bil-kaptan.

Ħafna bastimenti jikkwalifikaw awtomatikament għal titjib b'xejn fil-limiti ta' fejn jistgħu jbaħħru, estiżi minn ibħra lokali għal ibħra fil-Mediterran u l-limitu normali għal responsabbiltà għal terzi (third party liability) ġie miżjud għal €1,000,000 f'ibħra lokali u €6,000,000 f'ibħra Taljani.

Ir-responsabbiltà għall-iskjar kemm mill-bastiment ewlieni u minn kull dgħajsa li tagħti servizz oħra issa qed jiġi offrut b'xejn.

Kopertura għal gwerer issa wkoll qegħda tiġi offruta b'xejn.

Meta wieħed iqis il-persentaġġ kbir ta' dilettanti tas-sajd, issa wieħed jista' jagħżel jassigura wkoll l-għodda tas-sajd, li tradizjonalment huma esklużi mill-maġġoranza ta' poloz. Ebda ħlas addizzjonali ma japplika.

U jekk dan mhux biżżejjed, benefiċċi oħra addizzjonali jinkludu wkoll kopertura għal Aċċidenti Personali (Personal Accident) b'xejn u limitu ta' Effetti Personali ta' €5,000 b'xejn.

Il-mod kif inhi miktuba l-polza hija diġà estremament komprensiva fl-iskop u toffri, per eżempju, kopertura mingħajr limitu għal ħsara mekkanika eminenti minn ħsara fl'iskrejjen u impatti oħra, inkluż spejjeż anċillari. Ma' dan wieħed għandu l-għażla li jżid kopertura għal ħsara fil-magna minghajr inċident estern, liema kopertura tapplika għal numru limitat ta' jottijiet biss.

L-iskema hi flessibbli tant li tista' tagħmel estenzjoni għal kirjiet bla kaptan u hemm l-għażla li wieħed jixtri kopertura għal operazzjonijiet kummerċjali, fosthom kopertura separata għall-buq (hull) u makkinarju, u tort, b'rati mnaqqsa.

Kull sid ta' jott jista' japplika biex ir-responsabbiltà għal terzi (third party liability) titla għal sa €2,000,000. Kaptani ta' età żgħira li għandhom esperjenza jistgħu jidħlu taħt ċerti poloz.

Minkejja dan kollu, il-qofol ta' din l-iskema tibqa' li, minkejja dawn il-benefiċċji kollha b'xejn, MIB qegħda toffri skont li permezz taġġha din l-iskema hi kompetittiva ferm. L-ammont li wieħed irid iħallas meta jagħmel claim jista' wkoll jiġi negozjat biex il-klijenti jieħdu l-aħjar offerta.

Skont Malcolm Ellul, Direttur tad-Diviżjoni fi ħdan MIB, sidien ta' jottijiet li qegħdin f'marinas diġà jħallsu ammonti sostanzjali f'miżati biex jinżammu f'marinas b'protezzjoni kontra l-elementi. Dawk li jassiguraw dawn il-bastimenti għandhom jieħdu dan in konsiderazzjoni.

"Aħha smajna l-klijenti tagħna matul is-snin u ħriġna bi skema li tiġbor flimkien is-suġġerimenti kollha validi li tawna. Dawk li jżommu l-jottijiet tagħhom f'marinas għandhom ikollhom sens ta' belonging u jistħoqqilhom rikonoxximent għall-isforzi tagħhom f'din l-iskema. MIB dejjem kienet fuq quddiem u ħarġet bosta skemi innovattivi fis-suq u din l-iskema ġdida ġiet milqugħa tajjeb. Kien hemm interess qawwi u apprezzament minn firxa wiesa tal-kominità ta' baħħara lokali," żied jgħid is-Sur Ellul.

L-iskema miftuħa għal jottijiet f'marinas li jiġu proposti lil MIB għall-ewwel darba fl-2012.

MIB tista' tipprovdi wkoll polza għal vjaġġi fejn il-bastiment qed jiġi mwassal Malta u għal vjaġġi barra mill-Mediterran: per eżempju, għal dawk li jbaħħru bil-bastiment ġdid tagħhom mill-Ingilterra jew minn Franza; jew dawk li jixtiequ jmorru fil-Baħar l-Iswed jew fil-kanali ta' Franza. Polza ta' assigurazzjoni għal jottijieta bħala merkanzija meta dawn jiġu mwassla fuq l-art tista' ssir ukoll.

Għal iktar informazzjoni jew biex tieħu kwotazzjoni, ċempel lil Mediterranean Insurance Brokers fuq 234-33-234 jew ibgħat emejl lil info@mib.com.mt.

– TMIEM –